**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 09/11. | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 |
| **Data** | 27/10/2011 fis-6.20pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | |

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephanie | Skużata |
| | Hales Joseph | Skużat |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Skużata |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistant Principal Joanne Muscat | |

**09. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | | **Il-Minuti 08/11 inqraw mis-Sindku u wara li saru il-korezzjonijiet meħtieġa, ġew approvati nem.com. Il-minuti wara ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | |
| | 08.2.1 | Claude Camilleri | Flok Ġnien Luqa Briffa jitnizel Ġnien San Girgor | |

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2. 1 | 08.2.2 | Viċi Sindku - Swieq | Il-Viċi Sindku saqsiet jekk il-minuti tal-laqgħa li saret rigward is-swieq waslux. Is-Segretarjat wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-bieraħ l-Erbgħa 26 t'Ottubru saret spezzjoni bir-reqqa tas-suq flimkien mal-gwardjani lokali. Huwa qal li hemm bzonn isiru n-numri ma' l-art biex b'hekk kulħadd joqgħod fuq il-posta assenjata lilu. Is-Sindku spjega wkoll li hemm ħafna postijiet vojta li dawn la darba jsir ix-xogħol meħtieġ f'Misraħ Indipendenza jigu allokati u b'hekk il-waiting list preżenti tonqos sostanzjalment. Is-Sindku qal li la darba jibda ix-xogħol il-bejjiegħ jiċċaqalqu temporanjament skond l-esiġenzi. Kien hemm talba mingħand is-Sur Anthony Pace Gasan bejjiegħ tal-monti biex il permess iddur fuq ibnu Roderick Pace Gasan. Il-Kunsill qabel nem.com. | Richard Darmanin / Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 2 | | 08.2.4 | Viċi Sindku - Arriva | Il-Viċi Sindku saqsiet jekk kienx hemm żvilupp fuq is-servizz ta' l-Arriva. Is-Sindku qal li skond għajdut il-karozza 206 ser tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru li izda ser topera lejn Mater Dei u mhux lejn il-Belt. Is-Sindku hawnhekk qara ittra lill-Kunsill li inkitbet lil Prim Ministru fejn intalab sabiex terġa isir ir-rotta 29 kif kient fil-passat. Darell Pace sostna li zgur li fis-6 ta' Novembru ir-rottot mhux ser ikunu daqshekk frekwenti għax ma hemmx vetturi bizzejjed. Is-Sur Pace qal li ser jibagħt e-mail forsi iġib xi tip t'informazzjoni ta' kif ġejjin ir-rottot fiż-Żejtun. Is-Sindku talab ukoll sabiex is-Segretarjat jitkeb fuq is-sitwazzjoni ta' kif ser jibqaw ir-residenti ta' Gebel San Martin / Rahal t'Isfel u dawk l-istudenti li jmorru l-Junior College u l-MCAST. | Sindku / Darrell Pace |
| 09. | 2. | 3 | | 08.2.9 | Viċi Sindku - Skema tal-Housing | Il-Viċi Sindku saqsiet xi żviluppi kien hemm fuq il-proġett tal-Housing Estate ta' Ħal Tmiem. Is-Sindku wieġeb li wara li saru sforzi kbar sabiexil-Kunsill ikkonvinċa nies jipparteċippaw f'din l-iskema, il-proġett miexi bil-mod wisq. Ser issir laqgħa fl-4 ta' Novembru mal-Housing biex naraw xi żviluppi ser joħorgu. Hawn hekk il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata minn residenti ta' Blk C Ta' Ganza, fejn milli jidher saret xi talba biex isir lift, iżda gara li fejn qabel dawn ma kienux iħallsu tad-dawl fil-komun issa iridu jibdew iħallsu għalih . Is-Sindku hawn hekk ta' parir li każijiet bħal dawn nikkonsultaw ma l-awtorita' tad-djar | Sindku / Viċi Sindku |
| 09. | 2. | 4 | | 08.3.12 | Viċi Sindku - Press Conference f'M'Xlokk | Il-Viċi Sindku saqsiet fuq xi żviluppi kien hemm wara il-Press Conference li saret M'Xlokk. Is-Sindku informa lil Kunsill li wara studju u riċerka li saret minn nies esperti gie konfermat li l-Heavy Fuel Oil huwa problema għax huwa l-iktar fuel li jħammeġ, mentri d-Diesel Oil li jistgħu jaħdmu bih il-magni l-ġodda huwa ferm aħjar. Is-Sindku spjega kif issa f'idejn il-MEPA biex joħorġu l-permessi. Is-Sindku qal ukoll li għall-Unjoni Ewropeja sakem jimxu skond ir-regolamenti il-Power Station tista tahdem biex trid. | Sindku |
| 09. | 2. | 5 | | 08.9.1 | Viċi Sindku - Tilqma kontra l-influenza | Il-Viċi Sindku fakkret li Kunsill li fit-8 u d-9 ta' Novembru ser tingħata t-tilqima ta' konta l-influenza fil-berga taz-Zejtun u li għal darb'oħra kien hemm fuq 1000 persuna li urew interess li jitlaqqmu. Hija stiednet lil Kunsilliera kollha u l-istaff biex minn hu nteressat javviċinaha. | Viċi Sindku |
| 09. | 2. | 6 | | 08.9.4 | Viċi Sindku - Harsien mid-droga fiż-Żejtun | Il-Viċi Sindku saqsiet x'sar fuq il-problema ta' droga f'diversi inħawi taż-Żejtun. Hawn hekk is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex isir appuntament mal-Pulizija tad- Drug Squad. | Segretarjat |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2. | 7 | | 08.6.1 | Claude Camilleri - Tender Kiosk | Il-Kunsillier Claude Camilleri talab spjegazzjoni ta' kif ingħatat t-Tender tal-Kiosk, peress li għal laqgħa ta' qabel kien skużat. Saret spjega mis-Sindku kif mitlub. | Sindku |
| 09. | 2. | 8 | | 08.2.6 | Sindku - Skema Playing Fields | Is-Sindku informa lil Kunsill li din l-applikazzjoni tagħlaq għada 28 ta' Novembru u li waslu rapporti mill-Perit Audreyann Bonnici dwar il-kundizzjoni tal-Playing Fields. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni flimkien mar-rapporti tal-Perita ser jigu sottomessi ghada kif mitlub. | Segretarjat |
| 09. | 2. | 9 | | 08.3.11 | Sindku - Tender tal-Perit | Is-Sindku informa lil Kunsill rigward l-appell li gie sottomess minn C&C Projects rigward l-offerta li l Kunsill iddecieda li jagħti lill Perit Chris Cachia. Is Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li C&C projects mhumiex qieghdin jikkontestaw il-parti tat-Tender li inghatat lill Med Design Associates. Is-segretarjat nforma l-Kunsill li l-appell ġie sottomess lid-Dipartiment flimkien ma' ħlas ta' Euro 100 u li qiegħdin nistennew data sabiex nidhru quddiem il-Board ta' l-Appelli. | Sindku / Segretarjat |
| 09. | 2. | 10 | | | Sindku - Progett ta' tranġar ta' Ħal Tmiem minn barra | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja mill Housing sabiex isir tisbiħ madwar il-Housing Estate ta' Hal Tmiem hija ta' madwar €75,000 u li parti minn din is somma trid tkun allokata għal pjan edukattiv . Is-Sindku nforma l-Kunsill li kif mitlub ser issir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu preparati d-dokumenti neċessarji. | |
| **09.** | **3.** | | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/11. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 3. | 1 | | 04 | DLG - Administration fee | IS-Sindku nforma l-Kunsill li mill-1 ta' Settembru bdiet is-sistema l-ġdida tar-Reġjuni ta' l-LES u kif ġie deciż li l-Kunsilli Lokali ser jingħatalhom 10% ta' kull pagament għal multi li jitħallsu fil-Kunsill u li hargu mill- 1 ta' Sttembru 'l quddiem. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li l-invoices għax-xahar ta' Settembru inħarġu. Hawnhekk qamet diskussjoni fuq id-dawl tat-toroq li ser jgħaddu taħt ir-responsabilita tar-Reġjuni. Is-Sindku spjega kif il-kuntratti l-ġodda dwar l- iridu jinħarġu mir-Reġjun għalkemm hemm xi kuntratti preżenti ( Valletta, Floriana, Marsa ) li għadhom ma skadewx. | Segretarjat |
| 09. | 3. | 2 | | 08 | DLG - Memo 98/2011 | B'referenza fuq it-toroq li qieghedin isiru bħalissa, is-Sindku informa l- Kunsill li fuq l-ewwel 'Batch' ta' 6 toroq ix-xogħol inbeda permezz ta' Triq Bisqallin li fuqhom hemm l-approval tad-dipartiment.Is-Sindku talab lis-Segretarjat jikteb lid-Dipartiment fuq l-approval ghas sitt 6 toroq l-oħra. | Segretarjat |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 3. | 3 | | 16 | DLG - Korsijiet Lifelong Learning | Sindku qara l-ittra lil Kunsill fejn dawn ġew infurmati li l-korsijiet fil-Malti u fl-Ingliz ingħaqdu u li ser isiru l-Istitut Paulo Freire, filwaqt li l-kors tal-matematika ser jingħaqad ma' lokalita' oħra minħabba n-nuqqas ta' parteċipanti. | Claude Camilleri |
| 09. | 3. | 4 | | 17 | AKL - Laqgħa għal Kunsilliera ta' Malta u Għawdex | Ingħataw id-dettalji dwar din il-laqgħa mis-Sindku u nforma l-dawk kollha nteressati sabiex javviċinaw is-Segretarjat. | Segretarjat |
| 09. | 3. | 5 | | 18 | City Security | Is-Sindku informa lil Kunsill li waslitu talba mingħand City Security dwar ir-reserved parking bay li hemm quddiem il-bank HSBC. Is-Sindku qal sabiex din il-kwistjoni tagħddi f'idejn il-Kunsillier Richard Darmanin biex flimkien mal-Manager ta' l-istess bank tinsab soluzzjoni. | Richard Darmanin |
| 09. | 3. | 6 | | 19 | Ħsara f'Ħal Tmiem | Is-Sindku spjega kif waqt żbir ta' siġar f'Ħal Tmiem saret ħsara fuq parapett. Hawn il-Kunsill qabel nem.com sabiex isir il-ħlas rispettiv. | Sindku |
| 09. | 3. | 7 | | 21 | Dr Joseph Buhagiar - Stedina | Is-Sindku informa lil Kunsill li kellna stedina sabiex il-Kunsill permezz ta' Gnien il-Kmandant jissieħeb fil-GARMED. Is-Sindku nforma l-Kunsill li din għandu jieħu ħsieba il-Kunsillier Joe Hales. Il-Kunsill qabel nem.com. | Joe Hales |
| 09. | 3. | 8 | | 22 | WSC - Xogħol fuq drenaġġ | Is-Sindku spejga kif ix-xogħol tad-drenaġġ fi Triq Xrobb l-Għaġin u Triq Strejnu, Żejtun fl-aħħar jidher li ser jitwettaq . Is-Sindku informal il Kunsill li din l-applikazzjoni ilha għand il-WSC mit-2008. | Sindku |
| 09. | 3. | 9 | | 23 | Dr Albert Buttigieg - Housing | Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser issir laqgħa mad-Direttur tal-Housing rigward Skema 2 - Manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern. Is-Sindku spjega li minħabba ċirkostanzi li nqalgħu fl-andament tal-proċess li sar sa issa, ikun ferm aħjar li l- Housing stess jimplimentaw dan ix-xogħol mingħajr l-involviment tal-Kunsill. | Sindku / Viċi-Sindku |
| 09. | 3. | 10 | | 24 | Sindku - Triq Mogħdija Zgħazigħa | Is-Sindku spjega kif ġie avviċinat minn residenti ta' Triq Mogħdija Zgħazigħa u talbu sabiex isir l-isem tat-triq peress li sa issa għad m'hemmx. Il-Kunsill qabel nem.com li dan isir. Hawnhekk il-Viċi Sindku fakkret lil Kunsill li fi Sqaq Luqa Briffa hemm bżonn li jiċċaqlaq l-isem ta' triq għax fejn qiegħed ma jidhirx. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għandu jgħaddi f'idejn il-Kunsillier Joe Hales. | Joe Hales |
| 09. | 3. | 11 | | 25 | DLG - Preżentazzjoni ta' ċertifikati | Is-Sindku qara l-ittra fejn il-Kunsill ġie mistieden għal ċerimonja tat-tqassim taċ-ċertifikati għal dawk li attendew il-korsijiet tal-lifelong learning. Hawn hekk il-Kunsillier Claude Camilleri qal li peress li dawn il-korsijiet isiru mal-Istituto Paulo Frerier ikun xieraq li nistiednu lil Fr Vince jattendi. Il-Kunsill qabel nem.com. | Camilleri |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 3. | 12 | | 26 | J Camilleri - Talba għal parking space ta' mutur fi Triq Mikiel Cachia. | Wara li Sindku qara il-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Camilleri, Is-Sindku talab sabiex din it-talba tgħaddi għal l-attenzjoni tas-Sur R. Darmanin. il-Kunsill qabel nem.com li din it-talba tintlaqa. | Darmanin |
| 09. | 3. | 13 | | 27 | Julio Camilleri - Zejtun Corinthians | Il-Kunsill ġie mitlub biex bejn is-7 u l-11 ta' Diċembru fi Ġnien San Girgor titella' l-Youth Nursery Marathon b'risq il-Community Chest Fund. Filwaqt li il-Kunsill qabel li din isir, il-Kunsill sostna li f'kull promozzjoni li ssir għal din l-attivita jrid jintqal jew jitnizzel li din qieghda ssir bl-għajnuna tal- Kunsill Lokali Żejtun. Sar ukoll qbil fuq il fatt li jekk ikun hemm il-ħsieb li jsiru xi stands oħra ta' l-ikel qabel irid isir ftehim mal-kuntrattur li jopera l-gabbana li hemm fil-Ġnien San Girgor | Sindku |
| 09. | 3. | 14 | | 29 | Marilyn Tanti - MRRA | Is-Sindku informa lil Kunsill li fit-28 ta' Ottubru fil-5.00pm fil-Hotel Exelcsior kien ser isir meeting dwar National Rural Networking. Heġġeġ lill kull min ikun jista sabiex jattendi. | Sindku |
| 09. | 3. | 15 | | 30 | Claude Camilleri - Korsijiet tal-Kompjuter | Il-Kunsillier Claude Camilleri spjega lil Kunsill kif għal dawn il-korsijiet li qed jiġu offruti mit-TCTC il-Kunsill ma ghandu spejjez ta' xejn. Il-Kunsill qabel nem.com li dawn isiru u s-Segretarjat intalab jagħmel kuntatt mas-Sur Ray Abela sabiex jintlaħaq ftehim. | Camilleri / Seychell |
| 09. | 3. | 16 | | 31 | Guido Zammit - ETC | Is-Sindku informa lil Kunsill kif il-kuntratt tas-Sur Martin Cassar li kien qed jaħdem mal-Kunsill fuq skema ta' l-ETC ġie imgedded għal 6 xhur oħra. Hawnhekk saret proposta mill-Kunsillier Anthony Seychell li lis-Sur Cassar bħala apprezzament għax-xogħol li għamel fuq it-tilari jingħatalu ħlas ta' €50. Il-Kunsill qabel nem.com. | Segretarjat |
| | | | | | | | |
| **09.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 4. | 1 | | | Tabella tal-ħlasijiet 09/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 4. | 1 | i | 8 | Agrilcultural Directorat | Is-Sindku fakkar lil Kunsill li l-MRRA għad għandhom jagħatuna ħlas ta ' €500 għal- Żejt iż-Żejtun tat-2008. Is-Sindku inkariga lis-Segretarjat biex jagħmel kuntatt ma l-MRRA | |
| 09. | 4. | 1 | ii | 70-76 | Sindku | Is-Sindku irrimakra fuq l-invoices ta' Leo Ironmongery li ma kienux immarkatti fid-dettal. Hawn hekk is-Segretarjat spjega kif huwa impossibli li jitnizżel kull oġġett peress li Leo ma għandux sistema tal-komputer u għaldaqstant jagħmel kollox f'daqqa b'mod manwali. Is-Sindku nsista li tinstab soluzzjoni. | |
| 09. | 4. | 2 | | | Talbiet għal Xiri 09/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | |
| 09. | 4. | 3 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.com il-Petty Cash għax-xahar ta' Settembru.** | |
| **09.** | **5.** | | | | **Child Day Care Centre** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 5. | 1 | | | Sindku | Is-Sindku informa lil Kunsill li sar r-railing tat-taraġ kif ukoll ir-rampa sabiex ikun aċċessibli. Spjega skoll kif bħalissa l-ispiża qabżet il-budget allokat u li għalhekk qed nistennew il-finanzi biex isir is-soft laying ma' l-art kif ukoll l-apparat neċessarju sabiex dan ikun jista jibda jopera. Is-Sindku spjega wkoll li l-garanzija bankarja mal KNPD ser tiggedded minħabba l-fatt li d-daqs tal lift mhuwiex ezatt skond kif stipulat mill KNPD. Fuq dan ir-rigward ser tingħata spjegazzjoni lill Board tal-KNPD dwar dan. | Sindku |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| **09.** | **6.** | | | | **Xogħol ta' Toroq permezz tal-proġett tal-PPP** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 9. | 6. | 1 | | | Sindku | Is-Sindku informa lil Kunsill kif ix-xogħol fi Triq Bisqallin miexi ġmielu u li l-ġimgħa id-dieħla titlesta l-bankina. Wara ser tinbeda Triq il-Lvant u wara Triq il-Ħelsien. It-tlett toroq l-oħra li huma Triq Santa Katarina, Misraħ Indipendenza u Vjal 25 ta' Novembru isiru wara. Hawn hekk il-Kunsillier Darrell Pace saqsa rigward it-traffic management ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku wieġeb li dan mhux x'ser tkun problema għax it-triq ser tinħadem nofs kull darba. Is-Sindku kompla billi fakkar lil Kunsill li l-kuntrattur ser jintalab jagħti rendikont ta' l-ispiza wara kull triq li titlesta biex hekk jinżamm kontroll finanzjarju tajjeb. | Sindku |
| | | | | | | | |
| **09.** | **7** | | | | **Rimi ta' skart b'mod abbuziv f'diversi zoni** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 7. | 1 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmata lil Kunsill li ġiet avviċinata minn residenti fuq skart li qed jiġi miġbur f'ċertu kantunieri fiż-Żejtun u proponiet li isir xi tip ta' portable camera. Hawn hekk il-Kunsillier Anthony Seychell ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill kif xi drabi ikun il-kollettur stess li jiġbor l-iskart fil-kantunieri tat-toroq umbad jiġbru xi siegħa wara. Is-Sindku rrimarka li dan l-aġir naqas ħafna u li suppost qed jagħmel hekk biss f'toroq li ma jkunx jista' jidħol bi trakk. | Viċi-Sindku |
| **09.** | **8.** | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | NIL | | |
| | | | | | | | |
| **09.** | **9.** | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 9. | 1 | | | Darrell Pace | Il-Kunsillier Darrell Pace staqsa jekk il-boroz il-ħodor għadhomx jitqassmu. Il-Viċi Sindku resposablli minn dan il-proġett infurmat lil Kunsill li t-tqassim tal-boroz issa jmissu f'Diċembru. | Viċi-Sindku |
| 09. | 9. | 2 | | | Darrell Pace | Il-Kunsillier Darrell Pace irrimarka jekk jistax isir xi ħaġa fuq il-kwantita ta' qtattes li hemm f'ċertu inħawi taż-Żejtun peress li qed tinħoloq probelma kbira u inkonvenjent għal residenti li joqgħdu f'dawn l-inħawi.Is-Segretarjat intalab jindaga. | Segretarjat |
| 09. | 9. | 3 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell informa lil Kunsill li l-Wirja tal-Filatelija ser tibqa miftuħa sa nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru peress li dak in-nhar ġej grupp mis-Sannat Għawdex izur il-wirja. Huwa qal li din id-darba kien hemm 12 il-kompettitur fosthom waħda mara u kien hemm fejn jieħdu sehem iktar parteċipanti izda dan ma kien possibbli miħabba n-nuqqas ta' tilari. Għal darb'oħra il-Kunsill qabel nem.com li t-tilari għandhom jizdiedu. Is-Sur Seychell irringrazzja lil Viċi Sindku li inawgurat il-wirja u lil Dun Joe Abela li berika. | Seychell |
| 09. | 9. | 4 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell informa li l-Kunsill li ġie avviċinat minn għalliem tal-iskola sekondarja Żejtun, fejn xtaq li għannej jagħti nformazzjoni lill istudenti fuq xi 3 tipi ta' għana. Il-Kunsill qabel nem.com li din isir u ħalla f'idejn is-Sur Seychell biex isiru l-arranġamenti meħtieġa. | Seychell |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9. | 5 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li reġa hemm *leakage* tad-drenagg fil-Bring in sites ta' Ġnien Brejġu. Is-Sindku informa lil Kunsill li dik il-problema kienet ġiet solvuta għax kienet saret *deviation*. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jindaga dwar dan. | Sindku |
| 09. | 9. | 6 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell irrimarka li meta tajna ic-ciment f'Ħajt il-Wied hemm biċċa fejn 'ta Spagnol' li tħalliet barra. Is-Sindku informa lil Kunsill li dik il-biċċa indikata mis-Sur Seychell ser tidħol fl-iskema ta' sqaqien 125. | Sindku |
| 09. | 9. | 7 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell irrimarka kif it-tlett flood lights li hemm ħdejn iċ-ċimiterju ilhom ħafna żmien mitfija. Hawn is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jagħmel kuntatt man- Nexos biex isir it-tiswija meħtieġa. | Segretarjat |
| 09. | 9. | 8 | | | Claude Camilleri | Il-Kunsillier Claude Camilleri sema' li fi Triq Wied il-Għajn hemm sleeping police miksura. Huwa ppropona biex dawn jitneħħew jew jittranġaw għaliex ferm perikoluzi għas-sewwieqa. | Sindku |
| 09. | 9. | 9 | | | Claude Camilleri | Il-Kunsillier Claude Camillieri ppropona sabiex il-culverts li jinsabu fi Triq it-Tempju jitnaddfu għax dan ix-xogħol sar sentejn ilu u issa reġa hemm bżonn ta' tindifa. | Sindku |
| 09. | 9. | 10 | | | Claude Camilleri | Il-Kunsillier Claude Camillieri irrimarka li fi Triq Nikol Attard hemm arblu ta' l-Enemalta li għadu fin-nofs tat- triq u hemm bżonn li jiċċaqlaq għaliex perikoluż ħafna. | Segretarjat |
| 09. | 9. | 11 | | | Claude Camilleri | Il-Kunsillier Claude Camillieri talab lil Kunsill fadalx mill-posters li kienu saru għal kampanja dwar l-indafa. Hawn il-Viċi Sindku nfurmat lil Kunsill li kien għad fadal u li ser tagħdihom lis-Sur Camilleri. | Camilleri |
| 09. | 9. | 12 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmata lil Kunsill li ġiet avviċinata mis-Sur Lorry Farrugia li għandu l-garaxx tiegħu fi Triq Xandru Farrugia fejn qed ikollu problema biex jidħol fil-garaxx u li talab għal double yellow line. Is-Sindku wieġeb li jekk il-garaxx huwa viċin il-kantuniera fejn diġa hemm double yellow ma tkunx problema iżda jekk le trid issir talba lil- TM. | Darmanin |
| 09. | 9. | 13 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Gużi Ablea qed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni u li l-*hoarding* mhux qiegħed kif suppost, kif ukoll ftit il-fuq minn dan ix-xogħol hemm zvilupp ieħor għaddej u li trid isir il-bankina. Is-Sindku talab lis-Segretarjat jagħmel appuntament mal-Enforcement Officer tal-Mepa li huwa *inkarigat* miż-Żejtun. | Segretarjat |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9. | 14 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku saqsiet kif is-Soft Areas li hemm fil-Housing Estates jidħlu fil-pusses tagħhom l-inkwilini. Is-Sindku wieġeb li din m'hiex f'idejn il-Kunsill iżda f'idejn il-Housing. | |
| 09. | 9. | 15 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill fuq trakk tal-ħaxix li jekk ikun ipparkjat fil-kantuniera quddiem il-Paradise Store fi Triq Sant' Antnin kantuniera ma' Misraħ Bandolieri u li qed ikun ferm ta' perikluz kemm għas-sewwieqa kif ukoll għal '*pedestirans*'. Il-Kunsill qabel nem.com li dan għandu jitneħħa minn hemm. | Sindku |
| 09. | 9. | 16 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku irrimarkat fuq ħofra li ilha hemm ħafna fi Triq E Attard Bezzina. Is-Sindku wieġeb li jaf biha iżda peress li t-triq ġdida wieħed mhux kemm jaqbad u jitfa' il-cold asphalt. Huwa inkariga lis-Sur Richard Darmain biex jieħu sħieb. | Sinkdu |
| 09. | 9. | 17 | | | Viċi Sindku | il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata mill-Profs Borg u Maria Brown biex isir kors fiż-Żejtun dwar edukazzjoni kollettiva fuq is-sistema ta' Paolo Freire. Nhar it-Tnejn li ġej ser jibda kors fiċ-Ċentru Arti u Ariġjanat. Il-Viċi Sindku saqsiet jekk hemmx xi ricerka ta' l-aħħar 5 snin ta' kif marru l-istudenti Żwieten tal-Junior College, Mcast u l-Universita. Hawn hekk hi saqsiet lil Kunsillier Claude Camillieri fuq l-bench marking tar-rizultati ta' l-istudenti jekk għandux informazzjoni, huwa wieġeb fin-negattiv. Hija pproponit li nsaqsu lil Onor Chris Said kif aħna bħala Kunsill ma jkollniex din it-tip ta' statistikata. Hawn hekk is-Sindku fakkar lil Kunsill li nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru ser issir laqgħa ma' l-Onor Chris Said fil-Kunsill fit-3.30pm. | |
| 09. | 9. | 18 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li Richmond Foundation ser jorganizzaw korsijiet fuq *Prevention of Mental Cases* għal ġenituri. Dan ser isir nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru bejn it-3.30pm u l-5.00pm fil-Kunsill. Dan il-proġett qed isir flimkien mal-Community Chest Fund. | Vici-Sindku |
| 09. | 9. | 18 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku saqsiet meta ser tidħol lura għax-xogħol is-Sinjura Caroline Schembri. Peress li s-Segretarjat ma' kellux informazzjoni eżatta ġie mitlub biex jagħmel kuntatt mas-Sinjura Schembri. | Segretarjat |
| 09. | 9. | 19 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li bejn nhar il-Ġimgħa 28 u l-Ħadd 30 t'Ottubru ser isir il-Weekend Break ġewwa l-Qawra Palace Hotel. Ir-rispons kien wieħed sodifaċenti. | Vici-Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9. | 20 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li s-Sibt li għadda reġa beda il-Kids Club u li qed isir fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. Din intlaqat tajjeb ħafna speċjalment mill-ġenituri li fl-istess ħin ikunu l-kors tal-parċmina fil parti ta' fuq filwaqt li tfal ikunu fil-parti isfel. | |
| 09. | 9. | 21 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li fl-1 ta' Novembru fid-Dar ta' l-Anzjani, Zejtun ser tiġi organizzata *Children's Day*. It-tfal ser jagħmlu tipi ta' crafts u attivitajiet ma' l-anzjani. Il-Viċi Sindku flimkien mat-tfal li addottaw anzjan mistiedna jieħdu sehem waqt din l-attivita. | |
| 09. | 9. | 22 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill b'diversi dati li fihom ser isiru attivitajiet differenti. Dawn huma fit-12 ta' Diċembru attivita għat-tfal, fis-17 ta' Diċembru il-party tal-milied għat-tfal fis-Sala Alexandria, fis-27 ta' Diċembru ħarġa għal familja kollha ġewwa Ta' Qali National Park u bejn it-8 u t 12 ta' Diċembru ser isir il-Wirja tal-Presepju. | |
| 09. | 9. | 23 | | | Claude Camilleri | Il-Kunsillier Claude Camilleri fakkar li kif kull sena fi żmien il-Milied jinxtraw numru ta' ġugarelli li jingħataw lill-Kindergarten. Peress li din is-sena hemm bżonn li tinxtara żurżieqa għall-iskola ġie propost li s-somma ta' €250 flok tintnefaq ġugarelli tingħata bħala kontribuzzjoni għal din iż-żurżieqa. Il-Kunsill qabel nem.com. | |
| 09. | 9. | 24 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell fakkar lil Kunsill li nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru ser jiġi għal darb'oħra organizzat il-Kunċert tal-Milied ġewwa l Knisja Parrokkjali. | |
| 09. | 9. | 25 | | | Sindku | Is-Sindku propona li l-festin tal-Milied li jsir kull sena għandu isir nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru fis-Sala Alexandria. Il-Kunsill qabel nem.com. Is Sindku talab lis-Segretarjat jikteb lil Arcipriet minħabba l-*booking* tas-Sala. | |
| 09. | 9. | 30 | | | Sindku | Is-Sindku ħalla f'idejn is-Segretarjat biex jispega l-offerti tal-Abakus fir-rigward ir-refurbishing tal-website tal-Kunsill. Is-Segretarjat propona li l-aħjar offerta hija dik li tiġi tiswa il-Kunsill €1000. Il Kunsill qabel nem.com li din isir. | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa 9.50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' Novembru 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |